MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## MARSEANN FARRUGIA

Seduta tat-18 ta' Lulju, 2014

Numru. 154/2009

**Il-Pulizija**

**(Spettur James Grech)**

**vs.**

**Simon Camilleri**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Simon Camilleri bin Emanuel u Rose nee' Borg, imwieled Pieta' fit-28 t'Awwissu 1966, residenti 127 Flt 4, Triq Ghajn Dwieli, Paola u detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 453166M.

Akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer nhar l-14 ta' Dicembru, 2008 kif ukoll fil-granet ta' qabel, f'hinijiet differenti u f'diversi postijiet madwar Malta:

1. Forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga kokajina, specifikata fl-Ewwel Skeda ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta lill-persuna jew persuni jew ghall-uzu ta' persuna/i minghajr ma kellu licenzja mill-President ta' Malta minghajr ma kien awtorizzat bir-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939) jew minn xi awtorita' moghtija mill-President ta' Malta li jforni d-droga u minghajr ma kien fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-dispozizzjonijiet tas-Sitt Taqsima ta' l-Ordinanza msemmija u minghajr ma kellu licenzja jew xorta ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija u minghajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess droga u dan bi ksur tar-Regolament 4 tar-Regoli ta' l-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. Kellu fil-pussess tieghu d-droga kokajina specifikata fl-Ewwel Skeda ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-dispozizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima ta' l-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-Regoli ta' l-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939), kif sussegwentement emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

3. Talli rrenda ruhu recidiv b'diversi sentenzi tal-Qorti ta' Malta, liema sentenzi huma definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Il-Qorti giet mitluba sabiex tissekwestra f'idejn terzi persuni b'mod generali il-flejjes u l-proprjeta' mobbli jew imobbli kollha li jkunu dovuti lil jew ikunu imissu lil Simon Camilleri jew huma proprjeta' tieghu, kif ukoll sabiex il-Qorti tipprojbixxi lill-akkuzat milli jittrasferixxi jew xort'ohra jiddisponi minn xi proprjeta' mobbli jew immobbli.

Il-Qorti hija ukoll mitluba sabiex tordna lill-imputat sabiex ihallas l-ispejjes li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti, skond l-artikolu 533(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Wara li semghet ix-xhieda, u rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti, inkluz l-Ordni ta' l-Avukat Generali bis-sahha tas-subartikolu tnejn (2) ta' l-Artikolu 22 ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101), sabiex din il-kawza tinstema' minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali;

Wara li rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

**Kunsiderazzjonijiet dwar Htija**

Il-fatti saljenti fil-qosor li taw lok ghal dawn il-proceduri huma dawn:

1. Fl-14 ta' Dicembru 2008, il-Pulizija sabet xi droga fil-pussess ta' certu John Paul Woods. Fuqu instabu tminn (8) pakketti trab abjad.[1]

2. Fi stqarrija guramentata li ghamel sussegwentement John Paul Woods qal li l-imputat kien tah disa' pakketti droga, u wiehed minn dawn il-pakketti kien ikkunsmah habib tieghu, sakemm qabduh il-Pulizija.

[1] Minkejja li fix-xhieda tieghu (a fol. 20 tal-process) l-Ispettur James Grech jghid li nstabu disa' (9) pakketti trab abjad, mir-relazzjoni tax-Xjenzat Godwin Sammut jirrizulta li lilu ghaddewlu tminn pakketti (8) trab abjad (ara fol. 102 tal-process. In oltre fl-istqarrija tieghu, John Paul Woods jghid kif habib tieghu hadlu pakkett droga iehor li kellu – ara fol. 9 tal-process verbal, ezebit bhala Dok OD a fol. 42 tal-process.

3. Il-Pulizija arrestat lill-imputat, u dan fl-istqarrija tieghu cahad kategorikament li hu kien ta xi droga lil Woods, izda qal li fl-14 ta' Dicembru 2008 Woods kien talbu jsellfu €500, ghax kellu bzonn il-flus biex jaghmel party lit-tifel tieghu, u hu (l-imputat) kien sellfu dawn il-€500 u wassal lil Woods il-Belt.[2]

4. L-imputat jghid li Woods talbu dawn il-flus quddiem il-*partner* tieghu Teresa sive Tessie Agius u quddiem it-tifla taghha Joelene Camilleri.

5. Woods ghadda proceduri kriminali fuq dan l-incident u inghatat sentenza fil-konfront tieghu.[3]

Il-kaz tal-prosekuzzjoni jistrieh esklussivament fuq ix-xhieda guramentata ta' Woods u x-xhieda li Woods ta quddiem din il-Qorti. Min-naha l-ohra, id-difiza tal-imputat tistrieh fuq ix-xhieda tieghu stess, li hi korroborata bix-xhieda tal-*partner* tieghu Teresa sive Tessie Agius u t-tifla taghha Joelene Camilleri. Ghalhekk, id-determinazzjoni ta' dan il-kaz tirrivolvi dwar il-kredibilita ta' dawn ix-xhieda.

Fl-istqarrija guramentata tieghu,[4] Woods jghid li hu jaf lill-imputat ghax huma ko-imputati f'kaz ta' serq, u qatt ma kellu x'jaqsam mieghu fi kwistjonijiet ta' droga. Ftit granet qabel l-incident, l-imputat kien qallu li jekk ried xi droga jghidlu u Woods kien qallu sabiex *"igibli xi haga biex nara x'ghandu"* u ftehmu li jiltaqghu.

Woods ikompli jghid li fl-14 ta' Dicembru 2014, huwa kien iltaqa' mal-imputat f'xi l-10.00 a.m. il-Belt, u l-imputat kien tah tminn (8) pakketti kokaina tal-0.2g u borza kbira li kien fiha 2.7g. Woods jghid li jaf il-piz taghhom *"ghax wizzinnihom fil-karozza tieghu stess."*[5] Ghalhekk skont din l-istqarrija, l-imputat b'kollox ta' lil Woods 4.3 grammi kokaina. Woods jghid li hu ried izomm id-droga ghalih personali, u kellu jaghti lill-imputat €350 tad-droga.

Woods jghid li hu qatta' l-gurnata l-Belt ma certu Kevin u li hu u Kevin hadu zewg lines mill-borza l-kbira. F'xi 3.00 p.m. Woods halla d-droga kollha ma Kevin u mar jaghmel qadja u rega' lura. Aktar tard xi 5.30 p.m. Woods rega' mar jaghmel qadja ohra, u meta gie lura sab lil Kevin fit-toilet jabbuza

[2] Ara Dok JG1 a fol. 23 *et seq.* tal-process.
[3] Ara xhieda ta' John Woods a fol. 37 tal-process.
[4] Ara fol. 9 *et seq.* tal-process verbal.
[5] Ara fol. 9 tal-process verbal.

mill-eroina ma' Gharbi. Kevin hareg pakkett kokaina, u meta Woods stqasieh minn fejn kien gabu, Kevin wiegbu li kien hadu minghand l-istess Woods meta kien qed izomm id-droga ghandu. Dak il-hin gew il-Pulizija u arrestaw lil kulhadd.

Fl-istqarrija guramentata tieghu, Woods jghid ukoll li ghamel xi zmien *clean*, pero rega' beda jiehu d-droga xi disa' xhur qabel. Kien jabbuza mill-eroina u l-kokaina, pero mhux kuljum.

Anki sa dan l-istadju, frankament il-Qorti issib il-verzjoni ta' Woods difficli biex titwemmen u dan ghal zewg ragunijiet principali:

1. ghax jekk ghall-grazzja tal-argument, l-imputat ried jaghti d-droga lil Woods biex jippruvaha – certament ma kienx se jtih 4.3 grammi, meta kif inhuwa notorjament risaput f'dan il-qasam the *typical single dose* tal-kokaina hija ta' 0.5 grammi. Certament li Woods ma kellux bzonn jabbuza aktar minn gramma (zewg dozi ta' 0.5 grammi) ta' kokaina biex jara xi kwalita kienet.
2. Il-verzjoni ta' Woods issir inqas kredibbli meta dan jghid li l-imputat tah 4.3 grammi kokaina bid-dejn, ghax il-prezz u cioe €350, kellu itihulu wara. Pero mill-istqarrija guramentata, ma jirrizultax kif Woods kellu jhallas lura lill-imputat tad-droga li l-imputat kien tah.

Fix-xhieda tieghu quddiem din il-Qorti fis-seduta tal-5 t'Ottubru 2009,[6] Woods biddel sostanzjalment il-verzjoni li ta fl-istqarrija guramentata. F'din ix-xhieda tieghu, Woods jghid li l-imputat tah *"kwazi 10 grammi"* kokaina u jaf il-piz preciz ghax wiznuhom fil-karozza tal-imputat. Jghid ukoll li dan l-ammont *"hadthom bhala sample, kont ser nippruvaha u kont ser inhallsu taghhom ukoll."* Il-prezz kien ta' €1000, pero dak il-hin ma hallas xejn, u mix-xhieda ma jirrizultax li kien sar xi ftehim dwar kif dawn €1000 se jithallsu. Woods jghid li gie arrestat dak in-nhar stess li l-imputat tah id-droga. Jghid li l-pulizija sabulu fuqu zewg *Kinder eggs*: *"wiehed kien fih il-pakketti ta' kwazi 0.2 kull pakkett, kien hemm xi 7 pakketti u l-iehor kien hemm kwazi zewg grammi f'daqqa."* Hu xehed li sakemm arrestawh il-Pulizija kien lahaq ikkonsma xi 5 grammi, *"ghax jiena kelli naqra vizzju qawwi",* ghalkemm jghid ukoll li kkonsma d-droga ma' bniedem iehor, li gie arrestat mieghu, pero ma jsemmix ismu. Woods xehed ukoll li l-imputat qieghed jhedded lit-tfajla tieghu (ta' Woods) bil-messaggi fuq it-telefon cellulari.

[6] Ara fol. 33 *et seq.* tal-process.

L-inkonsistenzi bejn din ix-xhieda ta' Woods u l-istqarrija guramentata huma ovvji:

1. Filwaqt li skont l-istqarrija guramentata, l-imputat kien tah 4.3 grammi ta' kokaina, u kien cert minn dan ghax wiznuhom fil-karozza tal-imputat, skont din ix-xhieda l-imputat tah kwazi 10 grammi kokaina.

2. Filwaqt li skont l-istqarrija guramenta, l-imputat ried €350 ghad-droga, skont din ix-xhieda issa ried €1000.

3. Filwaqt li fl-istqarrija guramentata, Woods qal li hu u Kevin kienu hadu zewg linji kokaina mill-borza l-kbira, fix-xhieda tieghu jghid li lahqu ikkunsmaw 5 grammi.

4. Filwaqt li fl-istqarrija guramenta, Woods jghid li kien rega' beda jabbuza mid-droga xi disa' xhur qabel u ma kienx jabbuza kuljum, fix-xhieda tieghu jghid li kellu *"naqra vizzju qawwi."*

In vista ta' dawn id-diskrepanzi u inkonsistenzi, il-Qorti ma tqisx li l-verzjoni, jew ahjar verzjonijiet tal-fatti moghtija minn Woods huma attendibbli. *Ex abbuntantia*, il-Qorti tirrileva is-segwenti:

1. kif diga intqal aktar il-fuq jekk Woods ried biss f'dak l-istadju jiehu d-droga bhala *sample*, certament l-imputat ma kienx se jtih 4.3 grammi skont l-istqarrija guramentata, u kwazi 10 grammi skont ix-xhieda ta' Woods fil-Qorti.
2. Kif inhu risaput, it-*typical single dose* tad-droga kokaina hija 0.5 grammi, u ghalhekk, ix-xhieda ta' Woods li fi ftit sieghat ikkonsma 5 grammi, anki jekk flimkien ma' persuna ohra mhix kredibbli, u anke jekk l-istess Woods kellu vizzju qawwi, kif jallega f'din ix-xhieda.
3. Lanqas hi kredibbli li l-imputat ta lil Woods b'kemm jiswa €1000 kokaina bid-dejn, u minghajr ghall-inqas jiftehmu kif kellha tithallas.

Jekk imbaghad wiehed jara r-rapport tax-Xjenzat Godwin Sammut[7], meta gie arrestat l-imputat kellu total ta' 4.21 grammi kokaina fuqu, li kienu maqsumin fi tminn boroz, l-ewwel wahda ta' 2.24 grammi, u s-seba' l-ohra ta' 0.23g, 0.31g, 0.23g, 0.28g, 0.27g, 0.30g, u 0.35g.

Fix-xhieda tieghu in kontro-ezami,[8] Woods rega' ta verzjoni differenti mit-tnejn ta' qabel. Woods ikkonferma li l-imputat kien gablu 10 grammi kokaina, imma zied jghid li l-imputat tahomlu bil-hsieb li l-istess Woods ibieghhomlu. Pero Woods jghid ukoll li hu ma kellux intenzjoni ibieghha din id-droga, imma ried izommha ghalih, u ma kellu l-ebda hsieb li jhallas lill-imputat. Woods jghid ukoll li kien ftiehem mal-imputat biex jiltaqghu wara xi erba' (4) jew hamest (5) ijiem biex itih il-prezz

[7] A fol. 102 *et seq.* tal-process.
[8] Ara fol. 158 *et seq.* tal-process.

miftiehem ta' €1000. Woods jghid ukoll li meta gie arrestat mill-Pulizija huwa lahaq ikkonsma xi 5.5 grammi. Woods jghid ukoll, li fil-karozza l-imputat ma wizinx il-pakketti wiehed wiehed, imma wizen kollox f'daqqa, u ma damx iktar minn 5 sekondi.[9]

Il-Qorti tosserva li issa f'din it-tielet verzjoni ta' Woods:

1. l-imputat ma tax lil Woods id-droga bhala *sample* biex jara kif inhi, imma biex Woods ibieghilu.

2. Fil-waqt li fix-xhieda precedenti, Woods jghid li kellu intenzjoni ihallas lill-imputat tad-droga, issa Woods jghid li huwa qatt ma kellu intenzjoni li jhallas lill-imputat ghal din id-droga.

3. Fil-waqt li fl-istqarrija guramentata jghid li kien jaf il-piz preciz tal-pakketti, *"ghax wizzinnihom fil-karozza tieghu stess"*[10] (sottolinear tal-Qorti), f'din il-verzjoni jghid li l-imputat wizen il-boroz kollha f'daqqa.

Fid-dawl ta' dawn l-inkonsistenzi u l-verzjonijiet differenti kollha fix-xhieda ta' Woods, fil-fehma kunsidrata ta' din il-Qorti, Woods m'huwiex xhud kredibbli.

Min-naha l-ohra, sa mill-istqarrija tieghu, kif ukoll fix-xhieda tieghu quddiem din il-Qorti, l-imputat dejjem sahaq li hu kien silef lil Woods €500, sabiex dan jaghmel party lit-tifel, u li kien wasslu l-Belt. L-imputat xehed ukoll li kien Woods li tah in-numru tal-mobile – li jidher (ghax ma giex ippruvat) li kien tat-tfajla ta' Woods, u l-imputat kien icempel fuq dan in-numru sabiex jiehu lura minghand Woods il-€500, li kien selfu.[11] Din ix-xhieda tal-imputat hija korroborata bix-xhieda tal-*partner* tieghu Teresa sive Tessie Agius[12] u quddiem it-tifla taghha Joelene Camilleri.[13]

Fid-dawl ta' dan l-istat tal-provi, fl-opinjoni kkunsidrata ta' dina l-Qorti, il-prosekuzzjoni ma rnexxilhiex tipprova l-kaz taghha sal-grad rikjest fil-kamp kriminali, u cioe 'l hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni.

[9] Ara fol. 165 tal-process.
[10] Ara fol. 9 tal-process verbal.
[11] Ara xhieda tal-imputat a fol 141 *et seq.* tal-process.
[12] Ara xhieda ta' Teresa Agius a fol. 174 tal-process.
[13] Ara xhieda ta' Joelene Camilleri a fol. 180 tal-process.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, wara li rat it-Taqsimiet IV and VI, u l-Artikoli 22(1)(a) u 2(2)(b)(i) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, ir-Regolamenti 4 u 9 ta' Government Notice 292/1939, u l-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat mhux hati tal-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu, u qieghda tilliberah minnhom.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------